KUNSILL LOKALI L-IKLIN
L-IKLIN LOCAL COUNCIL

11, "Three Villages"
Trejqet ir-Rumanzieri,
L-Iklin, IKL 1320
MALTA
T: (0356) 21 416 741
(0356) 21 416 441
E-mail: iklin.lc@gov.mt
https://iklinlc.gov.mt

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**L-GĦAXAR KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 27 – IT-TLIETA 14 TA' LULJU 2026**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi 'Three Villages' Trejqet ir-Rumanzieri, l-Iklin. Il-laqgħa bdiet bit-talba fil-5.30 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Dr Dorian Sciberras | Sindku |
| | Sa Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sa Mary Grace Gusman | Kunsillier |
| | Sur Mario Fenech | Kunsillier |
| | Sur Matthew Fenech | Kunsillier |
| | Sur Etienne Montfort | Segretarju Eżekuttiv |

## 27.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI (Skont l-Ordni Permanenti 14A (3)

27.1.1 Ma kienx hemm.

## 27.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

27.2.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru (27) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill Lokali minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jkunu approvati, u l-Viċi Sindku Bartolo issekondat.

27.2.2 Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku Dott Dorian Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv Etienne Montfort bħala dokument korrett.



Sindku (Mayor): Dott. Dorian Sciberras LL.D, Viċi Sindku (Vice Mayor): Yvonne Bartolo,
Kunsillieri (Councillors): Mario Fenech, Matthew Fenech, Mary Grace Gusman

## 27.3 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

27.3.1 Is-Sindku Dott Sciberras irrelata lill-preżenti li l-Kunsill dwar PC 00054/17 - Rationalisation Site B - Iklin - 3 floors + Semi - basement (17.5m) Residential Development Including New Road. Site B, Triq Karmenu Vassallo, Triq Patri Marjanu Vella & Triq Anton Manuel Caruana, Iklin

Is-Sindku Dott Sciberras informa li lura għas-sena 2017 il-Kunsill kien issottometta rappreżentazzjoni lill-Awtorità tal-Ippjanar. Kien ukoll issottometta petizzjoni b'numru ta' firem mir-residenti tal-Iklin kontra dan l-iżvilupp propost.

Informa li peress li parti mill-istess sit, ġie propost ġnien minn Project Green, il-Kunsill jinsab f'kuntatt mall-Perit Ruth Cassar Galea minn Project Green biex jagħmlu l-istħarriġ tagħhom. Fir-rigward ta' PC/0054/17, ir-Rapport tal-Uffiċjal tal-Każ jindika li l-applikazzjoni hija rrakkomandata għal rifjut u għalhekk m'għandhiex tippreżenta problemi għall-proġett propost. Is-Sindku ser ikompli jsegwi u jaġġorna lill-Kunsill b'aktar żviluppi.

Is-Sindku ikkonkluda li l-applikazzjoni ġiet inkluża fl-agenda tal-Kunsill Eżekuttiv skedata għal nhar it-28 ta' Lulju fit-3.00p.m. Il-Kunsill ser ikun preżenti permezz tal-Konsulenti tiegħu online għal dan is-smiegħ.

27.3.2 Is-Sindku Dott Sciberras irrelata dwar PA 04595/26 - Middle School, it-Telgħa tal-Għaqba, Triq Giuseppe Stivala, Triq il-Forġa Naxxar, Triq Giorgio Locano L-Iklin ' To sanction creation of gate. Proposed dismantling of part of boundary wall and creation of gate opening as ancillary facility to educational hub.

B'mod importanti, dan huwa l-istess sit suġġett għall-appell relatat mal-permess fuq PA/02645/17 (Proposta ta' installazzjoni ta' chain link fencing u sistema ta' dawl għal grawnd tal-futbol approvat – PA 9349/17) li t-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar (EPRT) reċentement reġa' rrefera lura lill-Awtorità tal-Ippjanar (PA).

Il-permess oriġinali mogħti taħt PA/09349/17 kien għal 'kostruzzjoni ta' grawnd tal-futbol u żewġ sulari ta' parkeġġ taħt l-art, u l-introduzzjoni ta' triq ta' aċċess ġdida mill-artijiet tal-iskola u xogħlijiet minuri ta' tisbiħ'.

L-aċċess għall-faċilitajiet kellu jkun mill-artijiet tal-iskola u kien iddikjarat b'mod ċar ħafna li ma kellu jkun hemm l-ebda aċċess minn Triq Giorgio Locano (ara l-pjan tal-blokka approvat hawn taħt).

Ir-raġuni għall-ħolqien ta' dawn iż-żewġ punti ta' aċċess ġodda fuq Triq Giorgio Locano mhijiex ċara mill-informazzjoni disponibbli fuq l-eApps. Huwa kruċjali li l-ġustifikazzjoni għall-ftuħ ta' dawn il-punti ta' aċċess tiġi ċċarata, fl-interessi tar-residenti ta' Triq Giorgio Locano u taż-Żona ta' Prijorità Residenzjali (RPA) usa' tal-Iklin, peress li t-traffiku lejn u mis-sit se jgħaddi minn din iż-żona ta' vilel b'densità baxxa. Mhuwiex ċar għal xiex se jintużaw il-punti ta' aċċess, kemm huwa mistenni li jgħaddi traffiku mill-RPA, u meta (f'liema ħinijiet tal-ġurnata u tal-lejl).

Ikkonkluda li l-Kunsill Lokali tal-Iklin qiegħed b'dan jagħti l-parir tiegħu lill-PA dwar din l-applikazzjoni, filwaqt li jisħaq fuq il-ħtieġa ta' kjarifika dwar ir-raġuni għall-ħolqien taż-żewġ punti ta' aċċess, inkluż kemm huwa mistenni li jgħaddi traffiku minn dawn il-punti ta' aċċess u meta. Madankollu, il-Kunsill qed jqajjem it-tħassib tiegħu fir-rigward tal-implikazzjonijiet għall-kumditajiet residenzjali taż-Żona Residenzjali Prijoritarja tal-Iklin.

27.3.3 Is-Sindku Dott Sciberras irrelata dwar l-aħħar żviluppi dwar il-materja ta' siġra ficus nitida fi Triq Anton Buttigieg fejn informa li wara li l-Uffiċċju tal-Kunsill kien tkellem ma' Iklin Scout Group u Project Green, jidher li dawn tal-aħħar urew interess biex jinkluduha fil-proġett propost ta' ġnien. Talbu ritratti tas-siġra u *location* ta' fejn tinsab biex jorganizzaw site-visit. Wara li saret l-ispezzjoni, dan l-Uffiċċju ġie infurmat li lesti jinkorporawha fil-proġett. L-unika issue huwa ż-żmien għal rilokazzjoni kemm minħabba l-kwistjoni ta' spazju u anke biex ikun żgurat li tkun fl-aħjar perjodu għal *transplanting*. Anke minħabba li jrid jinġieb il-permess mingħand l-ERA biex ikun jista jista jsir dan il-proċess. Idealment, l-eqreb żmien għandu jkun fix-xhar ta' Ottubru però l-fatt li l-proġett tal-ġnien huwa maħsub li jibda aktar tard, wieħed irid jara kif u fejn tista tinżamm din is-siġra.

Aktar żviluppi jingħataw fis-seduta li jmiss tal-Kunsill.

27.3.4 Is-Sindku Dott. Sciberras ippreżenta it-tieni edizzjoni ARTIKLIN li beda jitqassam lill-komunità.

Grazzi lill-Kunsillier Mary Grace Gusman għal din l-inizjattiva sabiħa fejn permezz ta' dan il-fuljett qed jinġabar direttorju tal-artisti li jgħixu fl-Iklin bil-ħsieb li l-Kunsill ikun jista jagħmel użu mis-servizz tagħhom fl-attivitajiet li jorganizza l-Kunsill minn żmien għal żmien.

27.3.5 Is-Sindku Dott. Sciberras irrelata dwar l-inizzjattiva 'European Week of Sport Local Councils' fejn għal dawn l-aħħar snin il-Kunsill ipparteċipa f'din l-inizzjattiva sportiva bil-għan li l-Kunsill jippromwovi l-isport u l-attività fiżika, jinħoloq community engagement u mal-Għaqdiet tal-lokal. Is-Sindku ddelega din l-inizjattiva lill-Kunsillieri responsabbli mill-Isport u l-Għaqdiet tal-lokal biex nikkordinaw din l-attività. Kien deċiż li nerġgħu nitkellmu ma' Lija/Iklin FYA biex jikkollaboraw mall-Kunsill għal din l-attività sportiva. Peress li l-attività trid issir fix-xhar ta' Settembru, il-Kunsill se jkun qed jitkellem ma' Lija/Iklin FYA biex nistabilixxu data biex eventwalment il-Kunsill ikun jista jirreġistra l-interess. Il-Kunsillier Mario Fenech se jkun qed jaħdem fuq il-promozzjoni ta' din l-attività sportiva għal fuq social media. Il-Kunsillier Mary Grace se tkun qed taħdem fuq sponsorships għal din l-attività.

## 27.4 RAPPORT TAL-KORRISPONDENZA U L-ILMENTI

27.4.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew ħarġet mill-Uffiċċju bejn it-8 ta' Ġunju u t-12 ta' Lulju 2026 kif jidher fid-dokumenti A u B.

**COMPLAINTS SHEET (8 June - 12 July 2026)**

| Ref. | Date | Description | Status | Address | Organisation |
|---|---|---|---|---|---|
| 131 | 11/06/2026 | Talba biex jitneħħew wires minn fuq opramorta peress li ser isiru xogħlijiet | pending | 64/65, Triq ES Inglott | **ENEMALTA/GO** |
| 132 | 15/06/2026 | Ilment li saret binja fi Triq C Busuttil c/w Triq Mons PP Saydon u l-pipe tal-ilma għamlu taħt il-bankina u qed tibża li fix-xita ser jerqilha l-garaxx | pending | 4, Triq PM Vella | **COUNCIL** |
| 133 | 17/06/2026 | Talba biex jiġu organizzati slots tal-parkegg fi Triq Dun Karm ħdejn music shop | pending | Triq Dun Karm | **COUNCIL** |
| 134 | 17/06/2026 | Hemm xi tabelli tar-resident's parking nieqsa fi Triq S Erardi | pending | Triq Stefano Erardi | **COUNCIL** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 135 | 17/06/2026 | Fi Triq Ġwann Mamo hemm parking bay kbir ħdejn l-Uffiċċju ta' Nutar . Talba biex jiċkien u jsir MC Bay | pending | Triq Ġwann Mamo | **COUNCIL** |
| 136 | 19/06/2026 | Hemm qattus mejjet fi Triq il-Wied | settled | Triq il-Wied | **CLEANSING** |
| 137 | 06/11/2026 | biex jikinsu wara xogħol fi Triq K Vassallo | pending | Triq K Vassallo | **infrastarcture** |
| 138 | 06/11/2026 | biex inaddfu wara xogħol fi Triq G Curmi | pending | Triq G Curmi | **ENEMALTA** |
| 139 | 16/06/2026 | Bankina difettuża u Blue bay trid tindifa fi Triq Ċ Bugeja, preżentement hemm żvilupp għaddej | pending | Triq C Bugeja | **CONTRACTOR** |
| 140 | 17/06/2026 | Biex jinqata' l-ħaxix fi Triq L-Għaqba għax perikoluż | settled | Triq L-Għaqba | **CLEANSING** |
| 141 | 17/06/2026 | biex jinqata' l-ħaxix fi Triq Għargħur għax perikoluż | pending | Triq Għargħur | **CLEANSING** |
| 142 | 18/06/2026 | Biex jinqata' l-ħaxix fi Triq Għargħur għax perikoluz | pending | Triq Għargħur | **CLEANSING** |
| 143 | 18/06/2026 | biex inaddfu wara xogħol fi Triq Ċ Bugeja | pending | Triq Ċ Bugeja | **ENEMALTA** |
| 144 | 18/06/2026 | Talba biex jitnaddaf il-ħaxix ħażin li hemm mas-siġar taż-Żebbuġ fi Triq il-Ħarruba c/w Triq il-Wied | settled | Triq il-Ħarruba | **COUNCIL** |
| 145 | 18/06/2026 | Talba biex jitnaddaf il-ħaxix ħażin li hemm fil- ħwat ta' Triq San Mikiel wara l-klin | settled | Triq San Mikiel | **Gardinar** |
| 146 | 19/06/2026 | biex inaddfu wara xogħol fi Triq Ċ Bugeja | pending | Triq Ċ Bugeja | **ENEMALTA** |
| 147 | 19/06/2026 | biex ineħħu makkinarju wara xogħol fi Triq Ċ Bugeja | settled | Triq Ċ Bugeja | **ENEMALTA** |
| 148 | 19/06/2026 | Blue bay trid tindifa fi Triq Ċ Bugeja, bini fejnha | pending | Triq C Bugeja | **Contractor** |
| 149 | 22/06/2026 | Infestazzjoni ta' ġrieden fi Triq Pawlu Grech | pending | Triq P Grech | **health** |
| 150 | 23/06/2026 | Din ir-residenta waqgħet u weġġgħet minħabba bankina mtella' u fi stat ħażin fi Triq Mons Carmelo Aquilina bejn Pjazza Ninu Cremona u Triq Ġ Pesci. Qegħda fi stat perikoluż. | closed | Triq Mons Carmelo Aquilina | **COUNCIL** |
| 151 | 22/06/2026 | Triq il-Ħarruba ħamġu triq b'xi ilma u żebgħa | pending | Triq il-Ħarruba | **COUNCIL** |
| 152 | 24/06/2026 | Ħaxix mal-klin fi Triq San Mikiel u maż-żebbuġ fi Triq il-Wied c/w Ħarruba | settled | Triq San Mikiel / Wied | **COUNCIL** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 153 | 24/06/2026 | Fi Triq Ċensu Bugeja hemm 2 bozoz ma' jixgħelux W022/28 u W131/28 ilhom xahar irrappurtati | settled | Triq Ċensu Bugeja | **ENEMALTA** |
| 154 | 24/06/2026 | Hemm ħofra faċċata ta' 15 Triq R Taylor fejn sejjiegħ | settled | Triq R Taylor | **COUNCIL** |
| 155 | 25/06/2026 | Dan ir-resident qed jerġa jitlob li Triq GE Mercer issir one way għax qed ikun hemm ħafna inċidenti | pending | Triq GE Mercer | **COUNCIL** |
| 156 | 25/06/2026 | Residenta qed tilmenta li hemm karozza 'Y' plate li qed tipparkja ta' spiss quddiem daħla ta' garaxxijiet | closed | Triq Ġuzeppi Calleja | **POLICE/LESA** |
| 157 | 26/06/2026 | Ilment li l-ħin kollu jinżel l-ilma tal-AC minn gallarija tar-residenza nru 20 għal fuq il-bankina fi Triq Ġuże Galea u qed ikun ta' periklu | pending | Triq Ġuże' Galea | **COMMUNITY POLICING** |
| 158 | 30/06/2026 | Din ir-residenta qed tilmenta li hemm kopja jgħixu ġo garaxx fi Triq G Abos u qed joħorġu l-iskart minn ġurnata qabel u qed ikun hemm ħafna wirdien | pending | Triq G Abos | **COUNCIL** |
| 159 | 01/07/2026 | Parkeġġ ta' vetturi mingħajr permess fir-resident's parking bays fi Triq G Calleja | pending | Triq Ġuzeppi Calleja | **COUNCIL** |
| 160 | 30/07/2026 | Tħalliet ħofra kbira fuq bankina ħdejn garage fi Triq K Vassallo. Qegħda perikoluża | pending | Triq Karmenu Vassallo | **IM** |
| 161 | 07/03/2026 | various complaining on the collection of organic | pending | various | **Waste collection** |
| 162 | 07/04/2026 | Leakage 16 Triq G E Mercer | pending | Triq G E Mercer | **WSC** |
| 163 | 26/06/2026 | Hemm katusa mikxufa fejn 132 Triq G Abos | pending | Triq G Abos | **COUNCIL** |
| 164 | 06/07/2026 | Reminder - Bozza ma tixgħelx fi Triq il-Wied bin-numru L055/28 | pending | Triq l-Wied | **ENEMALTA** |
| 165 | 07/06/2026 | Bozza mitfija L06328 Triq il Plejju | sent email | Triq Plejju | **ENEMALTA** |
| 166 | 01/07/2026 | Talba biex issir Communal blue badge parking bays in Triq K Vassallo | pending | Triq K Vassallo | **COUNCIL** |
| 167 | 02/07/2026 | Fi Triq Ġuzeppi Calleja hemm MC miżbugħa bl-iswed. Biex ninvestigaw il-każ. | settled | Triq Ġ Calleja | **COUNCIL** |
| 168 | 05/07/2026 | Rapport li l-ARIA qed jibqa jdoqq il-mużika għolja sa kmieni filgħodu | pending | Triq Ħal Għargħur | **POLICE** |
| 169 | 08/07/2026 | Hemm 4 BMW's ipparkjati fi Triq Mons C Aquilina li ilhom hemm | settled | Triq Mons C Aquilina | **POLICE** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 170 | 07/09/2026 | Carcass fi Triq E S Inglott fuq bankina fejn l-għalqa | settled | Triq E S Inglott | **Health** |
| 171 | 12/07/2026 | Fi Triq il-Prinjol hemm il-kittens u qegħdin ta' periklu għax bil-lejl qed jaqsmu t-triq u diġa tajru minnhom. Tixtieq signs jew tingħalaq it-triq bil-lejl | closed | Triq il-Prinjol | **COUNCIL** |
| 172 | 12/07/2026 | Talba għal EV charging point f'Upper Iklin għaliex 1 fi Triq l-Awrikarja mhux biżżejjed | pending | Upper Iklin | **EWA** |
| 173 | 07/10/2026 | Ilment dwar ħmieġ ta' wirdien u ġrieden fi Triq R Taylor minħabba għalf tal-qtates fuq bankina | pendng | Triq R Taylor | **COUNCIL** |
| 174 | 08/07/2026 | Talba biex titnaddaf Triq A Buttigieg mit-trabijiet u żrar li nħolqu wara l-gandott li tħaffer | pending | Triq Anton Buttigieg | **AĠENZIJA IM** |

## 27.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

27.5.1 Ma kienx hemm.

## 27.6 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI

27.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-lista tal-kredituri kif jidher anness f'dokument immarkat D.

27.6.2 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras imbagħad ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa u ssekondat mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo.

Kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku Dott Dorian Sciberras, l-Viċi Sindku Yvonne Bartolo u l-Kunsillieri Mario Fenech, Matthew Fenech u Mary Grace Gusman.

27.6.3 Il-Kunsill awtorizza x-xiri ta' oġġetti/servizzi kif jidher hawn taħt:

1. Kwotazzjoni mingħand il-fornitur Parker Russell Turner għal servizz ta' Accountant għall-prezz ta' Eur4k + VAT;
2. Kwotazzjoni mingħand il-fornitur Neo Consult Ltd għal servizz ta' Accountancy Technician għall-prezz ta' Eur3k + VAT;
3. Kwotazzjoni mingħand l-Aġenzija LESA għal deployment ta' Community Officers u TMS Supervisors in konnessjoni mall-Festa tas-Salvatur għall-prezz ta' Eur€2,861.10.

**(Doc. D anness)**

Dawn il-pagamenti ġew approvati waqt is-seduta tal-Kunsill.

## 27.7 MATERJI KONNESSI MAL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

27.7.1 Inqrat il-lista ta' applikazzjonijiet u permessi mill-Awtorità tal-Ippjanar hekk kif ippubblikati fil-gazzetta tal-Gvern.

27.7.2 Applikazzjoni PA/04055/26 - 84, The Jacarandas Triq il-Wied – Sanctioning of demolition, excavation and reconstruction of wall location next to adjacent property.

27.7.3 Applikazzjoni PA/04070/26 – 88,94 Triq Ċensu Busuttil Iklin 'Change of use of approved public service garage to Class 5A car valeting service.

The proposal includes for the change of use of a storage area into a Class 4A office which is to be used solely as part and in conjunction with the operation of the Class 5A car valeting service. Proposal also includes for the installation of a sign.

27.7.4 Applikazzjoni PA/03391/26 – Ta' Simblija, Triq il-Forġa Naxxar (within the remit of L-Iklin) – Restoration of pre-1967 agricultural store

27.7.5 Applikazzjoni PC/00054/17 - Rationalisation Site B - Iklin - 3 floors + Semi - basement (17.5m) Residential Development Including New Road. Site B, Triq Karmenu Vassallo, Triq Patri Marjanu Vella & Triq Anton Manuel Caruana, Iklin

## 27.8 SERVIZZ TA' ACCOUNTANCY

27.8.1 Is-Sindku Dott. Sciberras informa lill-preżenti li kienu nġiebu kwotazzjonijiet għal servizz ta' Accountant għal perjodu ta' tnax-il xhar.

Ġew ippreżentati l-kwotazzjonijiet u saret diskussjoni anke fid-dawl tal-fatt ta' tibdil fuq struzzjonijiet tad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali skont Ċirkolari 1/2026, addendum numru 2 taċ-Ċirkolari nru 1/2026, Ċirkolari 3/2026, Ċirkolari 6/2026 rigward Chart of Accounts (COA) li ġiet imfassla biex tirrifletti l-ħtiġijiet individwali ta' kull Kunsill, fuq il-bażi tal-informazzjoni kkomunikata lid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali.

Ġiet ukoll diskussa l-issue ta' software fejn il-Kunsill ilu jaħdem għal dawn l-aħħar snin bi Sage Evolution u f'Mejju 2026 sar renewal tal-liċenza għaliex skont market research li sar, il-Kunsill jista jibqa juża dan is-software u nistgħu nitrasferixxu database għal Azure server biex il-Kunsill imur ukoll cloud-based.

Wara diskussjoni, kien deċiż li l-Kunsill jibqa jagħmel użu mis-servizz tal-Accountant preżenti biex ikun hemm il-kontinwità ladarba dejjem taw l-aħjar servizz lill-Kunsill.

B'din id-deċiżjoni, il-Kunsill jista jkompli jaħdem bl-istess software Sage Evolution. Għaldaqstant ġew ikkonfermati s-servizz ta' Accountant Technician u s-servizz ta' Accountant.

## 27.9 FESTA TAS-SALVATUR 2026

27.9.1 Is-Sindku Dott. Dorian Sciberras informa li bdiet toqrob il-Festa tas-Salvatur u bħas-snin l-oħra, il-Kunsill Lokali L-Iklin jieħu ħsieb jikkollabora mal-organizzatur tal-Festa peress li lejliet il-Festa, isir l-ispettaklu pirotekniku mill-limiti ta' din il-lokalità. Il-qofol tal-festa fl-Iklin ikun nhar il-5 ta' Awwissu u għaldaqstant talab l-approvazzjoni tal-Kunsill biex il-Kunsill jieħu ħsieb jorganizza l-immaniġġjar tat-traffiku, il-ħruġ tal-permessi għal Twaqqif ta' Posti/Kiosks fi Triq San Mikiel, u nipprovdu wkoll is-servizz ta' mobile toilets. Ma' dan, il-Kunsill ser jieħu ħsieb jikkordina mall-kuntrattur għas-servizzi tal-indafa biex lejliet 5 u s-6 ta' Awwissu biex jingħata servizz addizzjonali wara l-attività tal-festa.

Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill jawtorizza l-ispiża għal servizz ta' Community Officers biex tingħalaq Triq San Mikiel, it-Telgħa tal-Għaqba u Triq Fredrick Borg. Il-Kunsill ser jikteb lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jieħdu ħsieb jippreparaw Police Draft Notice għall-egħluq tal-imsemmija toroq.

Il-Kunsill ser ikun qed jikkordina wkoll mall-Kunsill Reġjonali Lvant sabiex jipprovdu numru ta' wheelie-bins biex jiġu mqiegħda fi Triq San Mikiel minħabba l-kwantità ta' nies li tinġemgħa lejliet il-festa fl-Iklin.

Fl-aħħarnett, il-Kunsill ser ikun qed joħroġ no objection lill-Għaqda Kamra tan-Nar San Mikiel għall-armar ta' *props* fi Triq San Mikiel nhar il-5 ta' Awwissu. Dan peress li l-organizzatur jarma l-apparat ta' PA System u jqiegħed numru ta 'siġġijiet fit-triq għall-ispettaklu tan-nar tal-ajru.

## 27.10 ŻVILUPPI DWAR IL-PROĠETT TA' TRIQ KARMENU VASSALLO

27.10.1 Is-Sindku Dott Sciberras informa lill-preżenti li kien talab t-tielet *site meeting* mall-Perit tal-Aġenzija IM u l-Perit tal-Kuntrattur biex naraw l-ilmenti tar-residenti u sabiex isir follow-up tagħhom.

Is-Sindku wieġeb li x-xogħol miexi b'ritmu tajjeb u jidher li fi żmien ħmistax oħra se jkun qed isir *scarifying works* tat-triq biex jingħata l-asfalt.

Fuq mistoqsijiet tal-Kunsillier Gusman, is-Sindku wieġeb li m'hemmx il-ħsieb tal-Aġenzija IM li jsiru *rain-water run-offs*. Is-Sindku fakkar li fil-bidu tal-proġett, meta sar l-ewwel *site meeting*, is-Sindku kien wassal il-messaġġ tal-Kunsill biex l-Aġenzija IM tikkunsidra li jsiru *rain-water run offs* minħabba l-qalba tat-triq. Però ġie infurmat li minħabba l-*pooling* ta' ilma f'ċertu partijiet tat-triq u sabiex l-ilma tax-xita ma jaqlibx fuq naħa waħda tat-triq, hemm il-ħsieb li meta jiġu biex jagħtu l-asfalt tat-triq, ser jagħmluha fil-forma ta' dar il-ħmar biex l-ilma tax-xita jimxi taħt il-kurduna tal-bankina. B'dan il-mod, ir-riżultat tat-triq għandu jkun aħjar minn kif kienet qabel.

Is-Sindku wiegħed li ser ikompli jisma lir-residenti u jsegwi l-ħsarat li saru fuq terza proprjetà u jassigura li l-kuntrattur jesegwixxi x-xogħlijiet skont l-arti u s-sengħa.

## 27.11 ŻVILUPPI DWAR IL-PROĠETT TA' TRIQ ANTON BUTTIGIEG

27.11.1 Is-Sindku Dott Sciberras informa li preżentement il-Kunsill qiegħed f'kuntatt mall-Periti tal-Public Works u fejn id-diskussjoni bħal donnu waqa' fuq din is-siġra li hija l-

kaġun ewlieni tal-ħsarat li hemm fi soft landscaping area fi Triq Anton Buttigieg. Is-Sindku Dott Sciberras żied jgħid li l-Kunsill huwa konxju tal-ħsarat li hemm fuq dan retaining wall għaliex huwa evidenti li l-imsemmi ċint resaq madwar tmien pulizieri.

Informa li l-Perit Janice Vella mill-Project Design Directorate ikkummentat li jkun ta' benefiċċju kbir li s-siġra mtħawwla mill-ġdid tkun imqabbda ma' sistema ta' tisqija bid-dripp (drip irrigation), peress li dan iżid bil-bosta ċ-ċansijiet tagħha li tistabbilixxi ruħha b'suċċess. Normalment, din tkun waħda mill-kundizzjonijiet ta' permess tal-ERA, li tirrikjedi li s-siġra tiġi kkurata u mantenuta għal perjodu ta' tliet snin. Żiedet tgħid li tikkunsidra wkoll tisqija fil-fond tal-għeruq (deep-root irrigation) permezz ta' bowser għall-ewwel tliet xhur wara t-tħawwil mill-ġdid.

Għalkemm nafu li s-siġar tal-Fikus huma reżiljenti ħafna, l-ewwel ftit xhur wara t-trapjantar huma l-aktar kritiċi. Barra minn hekk, minħabba d-daqs kbir tas-siġra, tirrakkomanda li tagħżel l-akbar spazju possibbli fejn titħawwel biex b'hekk tkun tista' tiżviluppa l-friegħi u l-weraq tagħha b'mod naturali, mingħajr ma tkun ta' tfixkil għal toroq, bini, jew infrastruttura oħra fil-viċin.

Is-Sindku informa li l-Perit Vella Lenicker min-naħa tal-Public Works qed jistenna risposta rigward l-identifikazzjoni ta' post alternattiv peress li għandu laqgħa fl-immedjat mal-Uffiċċjali tal-ERA u din se tkun waħda mill-kwistjonijiet imqajma f'din il-laqgħa.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa li Project Green urew l-Interess li jinkorporawha fil-proġett tal-ġnien u għaldaqstant il-Kunsill se jkun qed jikkorrispondi mall-Perit ta' Project Green biex tiġi kkordinata din il-ħidma.

Aktar żviluppi jingħataw fis-seduti li jmiss tal-Kunsill.

## 27.12 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

27.11.1 Qabel spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li s-seduta li jmiss issir nhar it-Tnejn 3 ta' Awwissu 2026 fil-5.30 pm.

27.11.2 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt is-seduta tal-Kunsill ta' nhar it-Tnejn 3 ta' Awwissu 2026 fil-5.30 pm.

27.11.3 Il-laqgħa ġiet fi tmiem tagħha fis-7.10 p.m.

**Dott Dorian Sciberras**
Sindku

**Etienne Montfort**
Segretarju Eżekuttiv